MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2010

Avviz Numru. 77/2009

**Frank Salt Real Estate Limited (C-31667)**

**vs**

**Obtec Limited (C-44326)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat l-4 ta' Marzu, 2009 li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lis-socjeta` intimata quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' sitt elef u tmintax-il Ewro, (€6,018.00), rapprezentanti *commission fee*, inkluz il-VAT relattiv, ghal servizzi li gew rezi mill-istess socjeta` attrici fuq l-inkarigu u ghal-beneficcju taghha in konnessjoni mal-lokazzjoni tal-fond

ossija ufficini/*showroom* li jifforma parti minn "*Melita Cable Building*", gewwa *Rue D'Argens Street*, Gzira, liema hlas gie rikonoxxut u mwieghed mis-socjeta` intimata permezz tad-dokument "A" hawn anness datat 23 ta' Lulju 2008;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 89/09 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment, u bl-imghax dekorribbli b'effett mit-23 ta' Lulju 2008 sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` intimata ngunta ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata datata l-1 t'April, 2009, li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi huma m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi d-domandi tas-socjeta` rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta` rikorrenti peress illi l-ebda direttur u/jew funzjonarju tal-kumpannija ma ffirma d-dokument esebit bhala Dokument A u datat 23 ta' Lulju,2008;

3. Illi huma ffirmaw il-kuntratt ta' lokazzjoni fit-12 ta' Mejju, 2008, u ghalhekk ma jistax ikun illi d-dokument mis-socjeta` rikorrenti li gie ffirmat mill-intimati peress illi dan id-dokument prodott minnha jgib id-data 23 ta' Lulju, 2008, ossia xahrejn u nofs wara illi huma dahlu fil-lokazzjoni odjerna;

4. Illi s-socjeta` intimata giet introdotta mal-lokaturi minn certu Steven Dullaghan u minn hadd iktar;

5. Illi huma m’ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta` rikorrenti stante illi l-istess socjeta` rikorrenti ma pprestat l-ebda servizzi lis-socjeta` intimata u ma dahlet fl-ebda ftehim maghha ghall-hlas ta’ xi *commission fee*;

6. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tas-socjeta` intimata datata s-27 ta’ Jannar 2010 li permezz taghha ammettiet it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

Ghaldaqstant, in vista tal-ammissjoni suddetta:

1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata *Obtec Limited* thallas lis-socjeta` rikorrenti *Frank Salt Real Estate Limited* is-somma ta’ sitt elef u tmintax-il Ewro, (€6,018.00), kif indikat fir-rikors promotur fuq riprodott;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 89/09, tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju u tal-imghax relattiv mit-23 ta’ Lulju, 2008 sal-pagament effettiv kontra l-istess socjeta` intimata fuq indikata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------